MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 2545/2003

**GasanMamo Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Andrew Azzopardi u l-istess Andrew Azzopardi**

**Vs**

**Francis Dimech**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm319.25 (tlett mija u dsatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku gewwa Hal Qormi nhar id-19 ta' Ottubru, 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u dsatax-il Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu

(Lm319.25) dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm294.25 lis-socjeta` attrici assikuratrici, u in kwantu ghas-somma ta’ Lm25 lill-attur Andrew Azzopardi, rappresentanti danni li soffrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BAJ 641 fid-19 ta’ Ottubru 2002 gewwa Hal Qormi habat mall-vettura numru CAQ 208 propjeta` ta’ Andrew Azzopardi u ikkaguna danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 25 ta’ Settembru 2003 u tal-parir (Lm15) kontra l-konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut izda gara unikament htija tax-xufier tal-vettura Nru. CAQ 208.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni favur l-atturi.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-habta saret waqt li zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa t-tnejn bil-mod fit-traffiku, wara serbut karozzi ohra go arterja ta’ traffiku. Li huwa lampanti huwa li hadd miz-zewg sewwieqa ma ra lil vettura l-ohra qabel l-incident. Iz-zewg xufiera jaghtu l-istess versjoni fis-sens li kienu mexjin ghall-affari taghhom, bit-traffiku

quddiemhom, u l-vettura l-ohra dahlet go iehor. Anzi kien hemm suggeriment li wahda riedet taqbez lil-ohra!

L-odjern tal-prova jingombi fuq min qed jallega, mhux min tinnega.

Dana jrid jigi pruvat fuq bilanc ta' probabilitajiet, mhux ta' possibilita. Ma hix necessarja xi prova skjaccanti ghal konvinzjoni ta' min irid jiggudika. Pero` irid ikun hemm konvinciment unikament fir-responsabbilta tal-parti l-ohra.

Illi fil-kaz odjern, l-provi gew limitati ghaz-zewg xufiera. Ma gewx prodotti xi terzi li jista jitfghu xi dawl. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni – li hija wahda rikorrenti – ma jkunx jista` jakkolji t-talbiet attrici.

Jiddeciedi billi jichad l-istess talbiet attrici u jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz. L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------